MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2013

Numru. 94/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Jonathan Buttigieg**

Numru: 94/2011

Illum 24 ta’ Lulju 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jonathan Buttigieg**, ta’ sitta u tletin (36) sena, bin Joseph u Rose neé Portelli, imwieled Victoria, Ghawdex, nhar is-26 ta’ Marzu, 1975, residenti fil-fond numru 60, Triq it-Tigrija, Nadur, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-

Numru 8875(G), akkuzat talli nhar is-27 ta' Settembru 2011, gewwa Triq il-Qala, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, ghall-habta ta' bejn it-tmienja nieqes ghaxra u t-tmienja ta' filghaxija (19:50–20:00):

a. ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku cioe' l-iSpettur Josric Mifsud waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

b. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' l-iSpettur Josric Mifsud filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

c. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-iSpettur Josric Mifsud sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

d. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

e. kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghall-persuna tal-iSpettur Josric Mifsud jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Jonathan Buttigieg b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 86) datata 14 ta' Gunju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 109), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-14 ta' Gunju 2012, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u kif ukoll lix-xhud minnu prodott.

Semghet it-trattazzjoni tal-partjiet.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li fis-27 ta' Settembru 2011 ghall-habta tat-8.00pm kien hemm inkontru bejn l-imputat u l-*parte civile* l-iSpettur Josric Mifsud. Dan l-inkontru sehh f'post kemmxejn imwarrab fejn waqt li l-*parte civile* kien ghaddej bil-vettura tieghu kien hemm l-imputat go vettura, liema vettura kienet wieqfa pero kienet mixghula. Jinghad mill-*parte civile* li l-vettura tal-imputat kienet wieqfa taht *One-Way Sign* u li hekk kif il-*parte civile* gibed l-attenzjoni tal-imputat li minn hemmhekk ma setghax jghaddi ghax kienet *one-way*, l-imputat wiegbu lura fis-sens li lilu (lill-iSpettur) hadd ma kien kellmu. Filwaqt li l-*parte civile* jghid li huwa ntroduca ruhu bhala Spettur tal-

Pulizija, da parte tieghu l-imputat jghid li huwa ma kienx ra li dak il-persuna kien Spettur tal-Pulizija ghax ma setghax jaghrfu minhabba li kien hemm id-dlam. M'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li effettivament l-imputat hareg minn gol-vettura tieghu u mar lejn il-vettura li fiha kien hemm il-*parte civile*. Da parte tieghu, il-*parte civile* jghid li kif ra hekk irriversja l-vettura lura u hekk kif l-imputat gera ghal magenbu dan qallu *"piacere"* (*a fol.* 21). L-imputat, filwaqt li jikkonferma li f'hin minnhom huwa nizel mill-vettura, jispjega li, qabel nizel mill-vettura, il-*parte civile* tant beda jghajjat meta waqaf originarjament li t-tifla li kien hemm mieghu (mal-imputat) fil-vettura bdiet tibki (*a fol.* 113). L-imputat jispjega li l-*partner* tieghu Kirsten Cauchi, li kienet mieghu fil-vettura, qaltlu biex imur jara min kien dak il-persuna gol-vettura l-ohra u wara li hu (l-imputat) nizel mill-vettura, il-vettura l-ohra rriversjat u telqet minn fuq il-post. Jghid li kien f'dan il-hin li ra wicc il-persuna li kien hemm gol-vettura l-ohra u qal li donnu kien jaf dak il-wicc.

Illi sussegwentment l-imputat gie mitlub imur l-Ghassa tal-Pulizija fejn gie investigat, arrestat u eventwalment imressaq il-Qorti akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni. Jirrizulta li l-istqarrija tal-imputat damet numru ta' hin biex tigi finalizzata. Jirrizulta li saru diversi korrezzjonijiet f'din l-istqarrija mill-imputat tant li filwaqt li l-istqarrija finali hija dik mmarkata bhala Dok. "FT 2" (*a fol.* 8 *et seq.*), giet ezebita stqarrija ohra b'numru ta' korrezzjonijiet bil-lapes fuqha (Dok. "JM" – *a fol.* 28 *et seq.*). Fuq nota differenti, il-Qorti ma tistax ma tikkumentax fuq il-fatt li kien ikun ferm ahjar kieku l-istqarrija tal-imputat ittiehdet mhux mill-*parte civile* stess bhala Spettur tal-Pulizija pero minn Spettur iehor.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikoli 95(1) u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, fl-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, l-imputat jinsab akkuzat bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-

reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the*

*lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) –

"waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-*parte civile* kien pajzan u kien fil-vettura privata tieghu. Da parte tieghu, il-*parte civile* jghid hekk: *"Kif kont hiereg bil-karrozza kien imdallam"* (*a fol.* 21). L-imputat jispjega l-post hekk: *"Dan ma joqghod hadd hemmhekk, minghajr dawl u kollu ghelieqi"* (*a fol.* 111). Aktar tard, ghad- domanda jekk il-post huwiex imdawwal, l-imputat iwiegeb: *"Le, dlam cappa. Dawl m'hemmx xejn xejn. Kollu ghelieqi"* (*a fol.* 118). Kirsten Cauchi tixhed fuq l-istess linji u tghid: *"Kollu ghelieqi, ghelieqi z-zewg nahat u dlam jigifieri m'hemmx dawl"* (*a fol.* 132). Il-*parte civile* jghid li huwa gie bieba ma' bieba mal-vettura li fiha kien hemm l-imputat. Jirrizulta li l-*parte civile* kien go vettura Land Rover li hija aktar gholja mill-vettura li kien fiha l-imputat. Il-Qorti mhijiex konvinta, tenut kont tal-ambjent fejn sar l-inkontru bejn il-*parte civile* u l-imputat, li effettivament l-imputat kien induna min kien dak il-persuna fil-vettura l-ohra, cioé il-*parte civile*. Mill-provi mismugha mill-Qorti ma jirrizultax li saret xi ingurja jew theddid mill-imputat vis-à-vis il-*parte civile*, kif rikjest taht Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Anqas ma jirrizulta li sar xi attakk jew resistenza da parte tal-imputat kif rikjest taht Artikolu 96 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk m'hemmx dubju li l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma gewx pruvati u b'hekk l-imputat ghandu jigi liberat minnhom.

**<u>It-Tielet (3), ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni – (Artikoli 339(1)(d), 338(m) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat hebb ghall-*parte civile* u anqas ma jirrizulta li huwa kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat jew b'mod iehor. B'hekk m'hemmx dubju li l-imputat ghandu jigi liberat mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi, fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, din l-imputazzjoni, il-ksur tal-paci pubblika, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu

338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Dan ma giex pruvat. Anqas ma gie pruvat li l-imputat uza dagha jew kliem fahxi. Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jigi liberat ukoll mill-hames (5) imputazzjoni.

**Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ndikat biss fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali (*a fol.* 86)**:
Illi ma jirrizultax li l-imputat ma obdiex xi ordni moghtija lilu u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minn kwalunkwe htija taht dan is-sub-Artikolu.

Ghaldaqstant jirrizulta li l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------